**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 25 ta' Gunju 2025**

**Rik. Ġur. Nru. : 130/2024 JPG**
**Kawza Nru.: 25**

**MC**
**Vs**
**RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC datat 1 ta' Novembru 2024 vide fol 27 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi fl-ahhar seduta tal-3 t' Ottubru 2024, giet eccepita' t-tardivita tal-intavolar tar-risposta tal-konvenut RC f'din il-kawza ta' separazzjoni personali.*
2. *Illi l-esponent jirrileva li filwaqt li tassew intavola r-risposta tieghu wara z-zmien stipulat fil-ligi, huwa gie a konoxxenza tal-atti relattivi ferm wara li dawn jidhru li gew notifikati fl-ufficju tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.*
3. *Illi l-attrici kienet ben konxja tal-indirizz residenzjali tal-esponent, izda minflok innotifikatu f'dan l-indirizz sabiex ikun jista' jiehu konjizzjoni tal-atti personalment, harget biss notifika fl-indirizz tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann, liema notifika thalliet f'idejn persuni terzi u ma inghatax lill-esponent.*
4. *Illi ghalkemm l-esponent jahdem mal-Kunsill Lokali inkwistjoni, xogholu huwa dak ta' xufier fuq barra, fil-lokalita' , u mhux xoghol fl-ufficcju tal-kunsill.*
5. *Illi jidher li l-atti li thallew ma' xi skrivan/a fil-Kunsill Lokali, gew miskjati ma' dokumenti tal-Kunsill u ma gewx mghoddija lil RC fi zmien utli. Eventwalment dawn inghatawlu zmien wara.*

6. *Illi kif ikkonfermat mill-ittra annessa (Dok SGN 01) iffirmata minn Kurt Guillaumier, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali San Gwann, l-atti ta' din l-Onorabbli Qorti inghataw lill-esponent tard u kienet din ir-raguni li ddelungatu milli jintavola risposta fiz-zmien opportun.*
7. *Illi jigu umilment rilevat, li f'kawzi quddiem din l-Onorabbli Qorti, partikolarment fis-Sezzjoni Familja, fejn jigu determinati kwistjonijiet sensittivi bejn il-kontendenti, il-privatezza tal-individwu ghandha tinghata priorita', u dettalji personali ma kellhom qatt jigu f'idejn persuni terzi, kollegi tal-esponent.*
8. *Illi ulterjorment, propju ghaliex il-meritu huwa sensittiv, huwa iktar mehtieg li din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha l-fatti kollha ghall-eventwali rizoluzzjoni tal-kawza. Hekk ukoll in vista tal-principju ta' gustizzja naturali tal-audi alteram partem, il-mankanza ta' risposta guramentata fl-atti, izda wkoll il-projbizzjoni fil-konfront tal-esponent li jressaq provi rilevanti ghall-kaz, johloq pregudizzju car u nett.*
9. *Illi huwa assodat fil-gurisprudenza illi l-Qrati taghna jqisu li jaghmlu distinzjoni bejn il-kontumacja kolpuza u dik gustifikabbli u aktar minn hekk bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha. (vide Geoffrey Carachi vs Saviour Fenech – PA 24 ta' Ottubru 2003)*
10. *Illi kif gie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza bl-ismijiet* ***Paul Vella et Anthony Ellul*** *(4 ta' Lulju 1991) f'dan il-kaz meta n-nuqqas kien minn membru tal-familja tal-konvenut-*

*"jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- "ma ghandu jkun hemm ebda ostaklu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata."*

11. *Illi l-principji li jirregolaw il-materja ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja gew migburi fil-kawza fl-ismijiet* ***Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo*** *deciza mill-**Qorti tal-Appell** fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581). Dawn il-principji huma:*

*1.Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*4. Dina l-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci;*
*6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;*
*8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Ara wkoll Prim' Awla, 27 ta' Frar 1995 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Naudi Montalato noe vs Emmanuel Xuereb*** *- Vol. LXXIX.iii.1214; Appell Civili, 12 ta' Dicembru 1975 fil-kawza fl-ismijiet* ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici****.*

12. *Illi peress li l-Kunsill Lokali ma ghaddiex l-atti tal- kawza jew li tal-inqas avza lill-esponenti bit-tali notifika, dan ikkonstitwixxa impediment fiziku ghall-esponent sabiex ikun jista' jigi akonxxjenza tal-atti u twiegeb ghal din il-kawza; impediment legittimu li kien indipendenti mill-volonta' tieghu u li ghalhekk ma jistax jahti ghalih. Illi kif suespost, pjuttost il-volonta' tal-esponent dejjem kienet li jikkontesta l-kawza tant li ghandu addirittura kontro-talba fil-konfront tal-attrici.*
13. *Illi kif spjegat precedentement, in-nuqqas tal-esponent lanqas kien wiehed kolpuz jew rizultat ta' zball min-naha tieghu.*
14. *Illi fid-dawl tac-cirkostanzi l-esponent ghandu jitqies gustifikat fin-nuqqas tieghu li jipprezenta risposta fiz-zmien stipulat.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah jikkontesta l-kawza odjerna billi bil-prezentata tad-denota risposta fi zmien prefiss lilu u skond provvedimenti ulterjuri.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri permessi mill-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skont il-liġi vide fol 48 tal-process;

Semghat it-trattazzjoni dwar ir-rikors ta' ġustifikazzjoni tal-kontumacja vide fol 95 et seqq. ;

**Ikkonsidrat:**

In tema legali, fir-rigward tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, intqal illi biex il-kontumacja tal-parti konvenuta tkun gustifikabbli, din trid tkun **involontarja, skatenata minn kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, liema impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut**[1].

Illi fid-decisjoni fl-ismijiet **Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar**[2] gie rilevat:

> ***Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"; L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali***

Il-Qorti tal-Appell ezaminat bir-reqqa l-istitut tal-kontumacja fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** li giet moghtija nhar it-28 ta' Jannar 2005, fejn gie ritenuto kif gej:

> ***6. L-istitut tal-kontumacja li dwaru gie interpost l-appell in ezami minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq***

[1] Vide Margal Limited vs Eucharist Bajada, TTZ, deciza 5 ta' Frar 2019 u l-casus classicus fl-ismijiet Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo (Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937; riportata f'Kollez. XXIX-I-1581), citata b'approvazzjoni sa zminijiet ricenti, u fost decizjonijiet ohra, in re Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et (Pim'Awla, 17 ta' Marzu, 2015.

[2] Vide Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005)

*il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn issejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170).*

*7. Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, "ixellfu" din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza – li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.*

*8. Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l- Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 6 minn 10 Qrati tal-Gustizzja possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.*

*9. Sfortunatament gara wkoll li maz-zmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-kaz, dejjem fl-interess tal-gustizzja, waslet ghal certa nuqqas ta' uniformita` u f'certi kazi anke waslet ghal decizjonijiet inkongruwi ghal xulxin. Kaz fejn il-fattispecie tieghu kienu pjuttost jiffavorixxu l-gustifikazzjoni tal-kontumacji gieli gie michud, filwaqt li kaz iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skuzabbli gieli gie accettat bhala wiehed skuzabbli. Filfatt anke fil-kaz in ezami, wiehed jista' jikkostata li certi decizjonijiet u certi enuncjazzjonijiet moghtija mill-Qrati gew citati sija minn parti u sija minn*

***ohra, u dan in proprja difesa, ghas-semplici raguni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-principju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess principju.***
***10. Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien fejn dawn il-fehmiet, kif jemanu mid-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, dwar l-istitut tal-kontumacja, jergghu jigu kemm jista' jkun arginati b'mod li jkunu aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Wara kollox, il-bazi tar-regoli tal-procedura hija dik tac-certezza tad-dritt.***

Din il-Qorti ghaddiet biex ghamlet referenza ghad-decizjoni l-aktar citata f'materja ta' kontumajca u cjoe dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

***"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;"***

***"(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza; "***

***"(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta; "***

***"(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;***

***"(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci; "***

***"(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa; "***

***"(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";***

> ***"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali. "***

Fil-kaz odjern, din il-Qorti tqis illi l-konvenut gab prova illi hu kien fl-impossibilita' li jiehu azzjoni aktar kmieni fuq il-proceduri odjerni u dan minhabba li l-atti li gew notifikati baqghu fuq l-iskrivanija tax-xhud Kurt Guillaimier. L-istess xhud xehed kif lanqas biss ta kaz tal-ismijiet fuq l-ewwel faccata izda ra li kienu atti tal-Qorti u warrabhom biex jghaddihom lill-konsulent legali tal-Kunsill Lokali. Mhux qed jigi michud illi l-impjegati gewwa l-Kunsill Lokali u cjoe r-rapprezentant li ffirma ghall-atti u x-xhud Segretarju Ezekuttiv agixxew b'negligenza assoluta izda l-intimat m'ghandux ibati l-konsegwenzi ta' dan l-agir negligenti. Ufficjal fil-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv kien fid-dover li jifli l-atti tal-posta rcivuta u mhux jwarrabha ghaliex tidher bhala atti tal-Qorti sabiex din tghaddi ghand il-konsulent legali tal-Kunsill. Madanakollu m'hemm xejn x'jindika illi l-konvenut agixxa bl-istess negligenza u ghalhekk ma jkunx gust li jhallas ghall-izball ta' haddiehor bil-konsegwenzi qarsa tal-kontumacja. In fatti, din il-Qorti tara li l-konvenut intavola risposta, attenda ghas-seduti rapprezentant minn konsulent legali u ntavola l-atti opportuni biex jiggustifika l-kontumacja tieghu u ghalhekk jidher li ghandu interess illi jippartecipa fil-proceduri odjerni.

Fl-ahhar mill-ahhar jidher bic-car mill-atti tal-process illi l-atti thallew ma' terza persuna u cjoe Kyle Gauci li hu ufficjal fil-Kunsill Lokali u li ghajr li kien jahdem fl-istess post tal-intimat, m'ghandu l-ebda konnessjoni ohra mal-konvenut.

Tenut kont tac-cirkostanzi prezenti fil-kaz *de quo*, din il-Qorti tqis li l-konvenut kellu impediment legittimu biex jissottometti r-risposta guramentata tieghu fi zmien moghti lilu mil-ligi u ghalhekk ghandu jitqies li l-kontumacja tieghu giet gustifikata u ghandu jithalla jippartecipa bi shih fil-proceduri opportuni.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkumenta fuq zewg argumenti li tresqu mill-partijiet rispettivi b'sostenn tal-pozizzjoni rispettiva taghhom.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghall-argument illi ressaq l-intimat illi l-attrici nnotifikatu fuq il-post tax-xoghol b'ingann ghaliex normalment l-ewwel notifika issir fir-residenza tal-parti koncernata. Din il-Qorti fliet l-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

Malta li bl-ebda mod ma jsemmi l-postijiet li fihom individwu jista' jigi notifikat b'xi ordni ta' preferenza. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx illi l-ghazla li l-konvenut jigi notifikat fuq il-post tax-xoghol saret b'ingann. Din l-ghazla hija disponibbli ghal kull individwu li jrid jinnotifika lill-persuna ohra. Madanakollu meta l-Qorti tifli l-istess artikolu, aktar issostni t-tezi taghha illi l-fatt li l-att fil-kaz *de quo* gie mghoddi lil certu Kyle Gauci ghaliex kien jahdem bhala *Customer Care Officer* fl-istess Kunsill Lokali, holoq impediment legittimu lill-konvenut. Dan qieghed jinghad ghaliex l-istess artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

> ***187.(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattita' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar:***

Minn imkien mill-provi ma hareg illi Kyle Gauci kien fl-impjieg jew awtorizzat mill-konvenut sabiex jiehu notifika f'ismu. Huwa probabbli li l-pozizzjoni tal-istess Kyle Gauci taghtu l-awtorita' li jirciev atti f'isem il-Kunsill Lokali **izda mhux atti indirizzati specifikament u personali ta' wiehed mill-impjegati mal-istess Kunsill Lokali**. Hawnhekk fejn il-Qorti tqis li kien hemm negligenza da parti tal-istess Kyle Gauci li ma vverifikax l-atti li kienu ser jigu notifikati kinux fil-fatt intizi ghal Kunsill Lokali jew le. Ghalhekk hemm lok fejn tali notifika tigi meqjusa bhala nulla izda tali talba ma tresqitx mill-partijiet, u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li dan issahhah il-posizzjoni tal-konvenut li ghandu jigi meqjus li ggustifika l-kontumacja tieghu.

Fit-tieni lok, il-konsulenta legali tal-attrici rriferiet ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Marzu 2025 fl-ismijiet **Alan Brincat Mummery vs Dorianne Brincat Mummery** fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi zball tal-Avukat ma jiggustifikax il-kontumacja. Din it-tezi kienet diga' stabbilita kemm mis-sentenza hawn fuq citata **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** izda giet enuncjata b'mod decisiv fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana Co. Ltd vs Coleiro David** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Novembru 2004 fejn intqal kif isegwi:

> ***Huma bosta l-ezemplari tal-principju li jabbundaw fl-iskorta ta' decizjonijiet fuq is-suggett. Hekk, per ezempju, insibu illi jekk il-konvenut ikun ha zball fid-data tal-kawza jew tad-differiment dak l-izball hu wiehed vincibbli u ma jikkostitwix kawza gusta ("Farrugia -vs- Grech", Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar 1926). Lanqas ma huwa zball skuzabbli fejn ikun hemm l-evidenti negligenza jew traskuragni ta' l-appellanti jew tad-difensur tieghu ("Mercieca -vs- Mifsud", Appell Inferjuri, 3 ta' Mejju 1943) jew fejn, minhabba dizattenzjoni l-appellant ma semghax il-kawza tissejjah ("Caruana -vs- Galea", Appell Inferjuri, 29 ta' Novembru 1952). F' kaz bhal dan dik in-negligenza toqtol kwalunkwe gustifikazzjoni in bazi ghall-aforisma "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnun sentire", ("Luigi Ellul -vs- Angela Ellul", Appell Inferjuri, 30 ta' Marzu 1949);***
>
> ***Huwa dezumibbli minn dawn il-ftit ezemplari illi ma tirrikorrix ir-raguni tajba rikjesta mil-ligi f' kaz ta' negligenza jew traskuragni tal-kontumaci (Kollez. Vol. XXXV P I p 323), anke jekk din tikkonsisti f' semplici dizattenzjoni u dan mhux biss meta l-htija tkun tal-parti izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu (Kollez. Vol. XXXI P I p 738);***

Ghalhekk huwa car illi negligenza da parti ta' wiehed tal-kontendenti jew tal-konsulent legali tieghu, ma tikkonstitwix raguni valida ghall- gustifikazzjoni tal-kontumacja. Mhux l-istess jista' jinghad ghal terzi ohra li jkunu hadu n-notifika minghajr ma jkunu gew hekk awtorizzati u ma ghaddewx l-atti lill-parti nvoluti izda ghaddewhom li min jokkupa kariga fuqhom, bhal fil-kaz *de quo*. Oltre minn hekk, is-Segretarju Ezekuttiv naqas milli jaghti l-attenzjoni necessarja lill-atti ricevuti b'mod immedjat u dan kollu b'konsegwenzi qarsa fuq il-konvenut.

Ghalhekk sabiex issir gustizzja, jehtieg li l-konvenut jinghata l-opportunita’ li jissalvagwardja l-interessi tieghu ‘l hinn mill-imgieba ta’ terzi.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi r-rikors tal-konvenut tal-1 ta’ Novembru 2024 (fol. 27) billi tilqa’ t-talba u tawtorizza lill-istess RC jikkontesta l-kawza odjerna u tammetti in atti r-risposta guramentata tal-intimat li tinsab in atti a fol. 15 et seqq. tal-process.**

**Moqrija.**

**Spejjes reservati ghall-gudizzju finali.**

**Mħallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LLM (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Reġistratur**